MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 337/2005

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Nabhan u Jacqueline konjugi**
**Al Faitoury (ID 265502L u 242164M)**
**u Horizon 2000 Limited (C 18397)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija erba' u tmenin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm2384.86) rappresentanti ammont mill-konvenuti dovuti in konnessjoni ma' servizzi telefoniki bin-numri 21341260, 21341261 (CN 1030345POI – AC10095195).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti a fol 2 sa fol 8 tal-atti u markati minn Dok A sa Dok E.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegub ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Wara li rat dak verbalizzat waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005 dwar solidarjeta in rigward il-pagament tal-ammont imsemmi fl-avviz.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2384.86,0 bl-imghaxijiet legali mit-tnejn ta' Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------